# Lorenzo Milani: bejn ilbieraħ u llum

Carmel Borg
(editur)

# *"MA CHI L'HA MESSO IL SEGNO DOVE FINISCE IL LATINO E COMINCIA L'ITALIANO?"*

## Kunsiderazzjonijiet lingwistiċi dwar 'Lettera ad Una Professoressa' tal-Iskola ta' Barbiana

SANDRO CARUANA

L-awturi ta' 'Ittra lil Waħda Għalliema' (*Lettera ad una Professoressa*), kif ukoll l-istess Don Lorenzo Milani, kienu jagħtu importanza kbira lil-lingwi u t-tagħlim tagħhom. Mill-bidu nett tal-Ittra, l-awturi josservaw li min m'għandux il-ħila jesprimi ruħu u min ma jitgħallimx 'is-sengħa tal-kitba'[1] huwa żvantaġġjat, u li dawn in-nuqqasijiet ikollhom konsegwenzi negattivi ħafna tul il-ħajja. Saħansitra l-lingwa li nużaw ta' kuljum tista' ssir strument biex tiddiskrimina kontra n-nies, għax fil-lingwi, dak li jitqies bħala korrett u dak li jitqies bħala żbaljat jiġi determinat minn dawk li għandhom il-mezzi u l-ħila biex jistabbilixxu r-regoli grammatikali:

> Mill-bqija trid tara x'qed nifhmu b'taħdit tajjeb. L-ilsna joħolquhom il-fqar u mbagħad iġedduhom bla waqfien. Is-sinjuri jikkristallizzawhom biex ikunu jistgħu jfottu lil min ma jitkellimx bħalhom. Jew biex iwaħħluh fl-eżamijiet.[2]

---

1. Borg, C. u Cardona, M. (2008). *Lorenzo Milano. L-edukazzjoni u l-ġustizzja soċjali*. Malta, Media Centre Ltd., p.60.
2. ibid. p.68.

Permezz ta' din ir-riflessjoni nifhmu li l-lingwa li nużaw regolarment tirrifletti r-realtà li ngħixu fiha, iżda mhux dejjem hija l-istess bħal-lingwa (jew bħal-lingwi) li nitgħallmu l-iskola. Il-lingwa mitkellma ma toħloqx distinzjonijiet soċjali daqskemm tista' toħloq il-varjetà miktuba, li tosserva b'aktar attenzjoni r-regoli grammatikali, u li tiġi mgħallma u eżaminata fl-iskejjel. Toħroġ ukoll id-differenza bejn il-kitba u t-taħdit, fejn tal-ewwel hija mfassla fuq regoli preċiżi u riġidi, waqt li t-tieni huwa iktar spontanju u informali. Minħabba f'hekk il-kitba tista' sservi wkoll bħala strument ta' għażla fl-iskejjel, għas-sempliċi raġuni li f'ċerti familji t-tfal huma mdorrijin jużawha minn ċkunithom, jew inkella jiġu esposti għaliha regolarment permezz tal-kotba, mentri f'familji oħrajn dan ma jseħħx bl-istess regolarità.

## Osservazzjonijiet lingwistiċi fid-dawl tal-kuntest soċjali u storiku

Huwa wkoll ferm importanti li nifhmu l-kuntest storiku li fih inkitbet l-Ittra: is-Sittinijiet fl-Italja kienu snin ta' taqlib soċjali kbir, li però ħallew warajhom ħafna faqar kif ukoll inġustizzji soċjali. Kien żmien importanti wkoll għal-lingwa Taljana għax permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni ta' dak iż-żmien, speċjalment permezz tat-televixin li beda jikseb popolarità kbira fost il-klassijiet soċjali kollha, it-Taljan standard[3] beda jintuża ħafna aktar ta' spiss u bil-mod il-mod beda jnaqqas ir-rwol, l-ispazju u l-prestiġju tad-djaletti u tal-varjazzjonijiet lingwistiċi lokali u reġjonali. B'hekk, min kellu l-mezzi finanzjarji u l-patrimonju kulturali biex jiġi espost regolarment għat-Taljan standard kien ikollu wisq iktar vantaġġi meta kien jibda jitgħallem din il-lingwa l-iskola minn ħaddieħor li fi tfulitu kien espost għad-djalett biss. Għalhekk l-awturi tal-Ittra jkomplu jishqu:

3. Permezz ta' din id-denominazzjoni nifhmu t-Taljan li tnissel mit-Toskan minħabba l-influwenzi ta' figuri letterarji kbar bħal Dante Alighieri, Francesco Petrarca u Giovanni Boccaccio. Din hija l-varjetà lingwistika li tiġi wżata fit-taħdit, fis-smigħ, fil-qari u fil-kitba fil-pajjiż kollu.

> *Tgħidu li Pierino jikteb tajjeb. Mhux bilfors? Jitkellem bħalkom. Jagħmel parti mill-klabb tagħkom.*[4]

Kunsiderazzjonijiet bħal dawn insibuhom ukoll lejn l-aħħar tal-Ittra, meta wieħed mill-awturi jitkellem dwar l-esperjenza tiegħu fl-Ingilterra. Hawnhekk, għalkemm fis-sitwazzjoni lingwistika Ingliża d-djaletti għandhom dimensjoni ferm differenti minn dik Taljana, jinduna kif sieħbu li jitkellem bil-*cockney* 'jintgħaraf mill-ewwel'[5] u kif dan ukoll ifisser li t-tfal bħalu jbatu ferm biex jitgħallmu l-Ingliż standard, jew dak li jissejjaħ *Received Pronounciation*, li għal ħaddieħor huwa naturali u sempliċi minħabba l-fatt li mdorri jisimgħu u jużah id-dar.

Għalhekk fl-Ittra l-awturi jitkellmu kontinwament dwar 'is-sengħa tal-kitba', jispjegaw kif fil-fehma tagħhom għandha tiġi mgħallma. Minbarra dan, ma joqogħdux lura milli jikkritikaw il-fatt li fis-sistema edukattiva Taljana, kif ukoll fl-eżamijiet, spiss kien jintesa l-aspett komunikattiv tal-lingwi:

> L-eżami tal-Franċiż kien ġabra konċentrata ta' eċċezzjonijiet (...) Wieħed tifel għadda b'disa' marki. Ngħidlek li fi Franza lanqas ikollu l-ħila jistaqsi fejn hi l-latrina (...) B'kollox forsi kien jaf mitejn kelma, magħżulin għax huma eċċezzjonijiet u mhux għax huma komuni. Ir-riżultat aħħari kien li jobgħod il-Franċiż bl-istess mod li wieħed jista' jobgħod is-somom.[6]

L-awturi jagħmlu konsiderazzjonijiet simili anki dwar l-Ingliż:

> Qrib tagħna kien għaddej l-eżami tal-Ingliż. Kienu qed jgħadduhom biż-żmien iktar minn qatt qabel. Anki jien naf li l-Ingliż huwa iktar utli meta tkun tgħallimtu. U mhux kemm kemm tmissu bħalma tagħmlu intom (...) Mank kellhom il-ħila jgħidu bonswa bl-Ingliż. Kienu qatgħu qalbhom darba għal dejjem.[7]

---

4. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.68.
5. ibid. p.130
6. ibid. p.70.
7. ibid. p.72.

Permezz ta' din ir-riflessjoni nifhmu li l-lingwa li nużaw regolarment tirrifletti r-realtà li ngħixu fiha, iżda mhux dejjem hija l-istess bħal-lingwa (jew bħal-lingwi) li nitgħallmu l-iskola. Il-lingwa mitkellma ma toħloqx distinzjonijiet soċjali daqskemm tista' toħloq il-varjetà miktuba, li tosserva b'aktar attenzjoni r-regoli grammatikali, u li tiġi mgħallma u eżaminata fl-iskejjel. Toħroġ ukoll id-differenza bejn il-kitba u t-taħdit, fejn tal-ewwel hija mfassla fuq regoli preċiżi u riġidi, waqt li t-tieni huwa iktar spontanju u informali. Minħabba f'hekk il-kitba tista' sservi wkoll bħala strument ta' għażla fl-iskejjel, għas-sempliċi raġuni li f'ċerti familji t-tfal huma mdorrijin jużawha minn ċkunithom, jew inkella jiġu esposti għaliha regolarment permezz tal-kotba, mentri f'familji oħrajn dan ma jseħħx bl-istess regolarità.

## Osservazzjonijiet lingwistiċi fid-dawl tal-kuntest soċjali u storiku

Huwa wkoll ferm importanti li nifhmu l-kuntest storiku li fih inkitbet l-Ittra: is-Sittinijiet fl-Italja kienu snin ta' taqlib soċjali kbir, li però ħallew warajhom ħafna faqar kif ukoll inġustizzji soċjali. Kien żmien importanti wkoll għal-lingwa Taljana għax permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni ta' dak iż-żmien, speċjalment permezz tat-televixin li beda jikseb popolarità kbira fost il-klassijiet soċjali kollha, it-Taljan standard[3] beda jintuża ħafna aktar ta' spiss u bil-mod il-mod beda jnaqqas ir-rwol, l-ispazju u l-prestiġju tad-djaletti u tal-varjazzjonijiet lingwistiċi lokali u reġjonali. B'hekk, min kellu l-mezzi finanzjarji u l-patrimonju kulturali biex jiġi espost regolarment għat-Taljan standard kien ikollu wisq iktar vantaġġi meta kien jibda jitgħallem din il-lingwa l-iskola minn ħaddieħor li fi tfulitu kien espost għad-djalett biss. Għalhekk l-awturi tal-Ittra jkomplu jishqu:

3. Permezz ta' din id-denominazzjoni nifhmu t-Taljan li tnissel mit-Toskan minħabba l-influwenzi ta' figuri letterarji kbar bħal Dante Alighieri, Francesco Petrarca u Giovanni Boccaccio. Din hija l-varjetà lingwistika li tiġi wżata fit-taħdit, fis-smigħ, fil-qari u fil-kitba fil-pajjiż kollu.

> *Tgħidu li Pierino jikteb tajjeb. Mhux bilfors? Jitkellem bħalkom. Jagħmel parti mill-klabb tagħkom.*[4]

Kunsiderazzjonijiet bħal dawn insibuhom ukoll lejn l-aħħar tal-Ittra, meta wieħed mill-awturi jitkellem dwar l-esperjenza tiegħu fl-Ingilterra. Hawnhekk, għalkemm fis-sitwazzjoni lingwistika Ingliża d-djaletti għandhom dimensjoni ferm differenti minn dik Taljana, jinduna kif sieħbu li jitkellem bil-*cockney* 'jintgħaraf mill-ewwel'[5] u kif dan ukoll ifisser li t-tfal bħalu jbatu ferm biex jitgħallmu l-Ingliż standard, jew dak li jissejjaħ *Received Pronounciation*, li għal ħaddieħor huwa naturali u sempliċi minħabba l-fatt li mdorri jisimgħu u jużah id-dar.

Għalhekk fl-Ittra l-awturi jitkellmu kontinwament dwar 'is-sengħa tal-kitba', jispjegaw kif fil-fehma tagħhom għandha tiġi mgħallma. Minbarra dan, ma joqogħdux lura milli jikkritikaw il-fatt li fis-sistema edukattiva Taljana, kif ukoll fl-eżamijiet, spiss kien jintesa l-aspett komunikattiv tal-lingwi:

> L-eżami tal-Franċiż kien ġabra konċentrata ta' eċċezzjonijiet (...) Wieħed tifel għadda b'disa' marki. Ngħidlek li fi Franza lanqas ikollu l-ħila jistaqsi fejn hi l-latrina (...) B'kollox forsi kien jaf mitejn kelma, magħżulin għax huma eċċezzjonijiet u mhux għax huma komuni. Ir-riżultat aħħari kien li jobgħod il-Franċiż bl-istess mod li wieħed jista' jobgħod is-somom. [6]

L-awturi jagħmlu konsiderazzjonijiet simili anki dwar l-Ingliż:

> Qrib tagħna kien għaddej l-eżami tal-Ingliż. Kienu qed jgħadduhom biż-żmien iktar minn qatt qabel. Anki jien naf li l-Ingliż huwa iktar utli meta tkun tgħallimtu. U mhux kemm kemm tmissu bħalma tagħmlu intom (...) Mank kellhom il-ħila jgħidu bonswa bl-Ingliż. Kienu qatgħu qalbhom darba għal dejjem.[7]

4. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.68.
5. ibid. p.130
6. ibid. p.70.
7. ibid. p.72.

M'hemmx għalfejn ngħidu li din is-sitwazzjoni mhijiex wisq 'il bogħod minn dik li nsibu f'xi skejjel hawn Malta. Kemm-il darba smajna studenti, jew ġenituri tagħhom, jiftaħru li ġabu riżultat tajjeb f'xi eżami tal-lingwi mentri fir-realtà bilkemm jafu jitkellmu biha? Fil-passat, forsi iktar mil-lum, l-għalliema tal-lingwi kienu jagħtu kas tal-aspetti komunikattivi tal-lingwi jew kienu moħħhom biss li jimlew il-pitazzi b'eżerċizzji grammatikali? Dan mhux qed ngħidu biex nipprova nnaqqas l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika, imma biex inkompli nisħaq fuq il-ħsieb ta' Don Milani, jiġifieri li l-lingwi mhumiex biss il-grammatika u l-eċċezzjonijiet, u li fil-klassi rridu wkoll nitgħallmu kif tintuża l-lingwa ħajja billi nippreżentawha fi ħdan ir-realtà kulturali tagħha. Nitgħallmu l-lingwi anki biex nitgħallmu l-kulturi differenti għax dan iservi bħala mezz biex nirriflettu fuq il-kultura tagħna stess. Xi studenti ta' Barbiana għamlu xi żmien f'pajjiżi barranin fejn setgħu jużaw il-lingwi li tgħallmu l-iskola bħala parti mill-esperjenza edukattiva tagħhom. Don Milani mexxielu jorganizzalhom dawn il-vjaġġi iktar minn erbgħin sena ilu, meta l-ivvjaġġar kien ferm iktar diffiċli u skomdu mil-lum. Huwa veru li llum hemm numru ġmielu ta' studenti tagħna li jsiefru fuq programmi edukattivi, iżda jibqa' l-fatt li dawn għadhom fil-minoranza, anki fost dawk li jispeċjalizzaw fl-istudju ta' lingwi barranin fil-livell terzjarju.

Fil-kuntest storiku li fih inkitbet l-Ittra, fis-sistema skolastika Taljana kienet tingħata importanza kbira lil-Latin. Fil-fatt, fis-sistema ta' skola sekondarja Taljana, il-prestiġju tal-*liceo classico*, l-istituzzjoni fejn it-tagħlim (u l-eżamijiet) tal-Latin kellu rwol prominenti, kien ferm akbar minn dak ta' istituzzjonijiet edukattivi oħrajn. Fl-Ittra, iżda, dan il-prestiġju jitqies bħala diskriminatorju lejn min m'għandux l-isfond kulturali biex jiġi megħjun jitgħallem il-Latin, u l-fatt illi din hija lingwa li m'għadhiex tintuża għal għanijiet komunikattivi jkompli jħarrax il-pożizzjoni tal-awturi meta jiktbu dwarha:

> Il-Latin. Għalikom, l-iktar suġġett importanti huwa dak li jmissna qatt ngħallmuh. Saħansitra tippretendu li għandna nittraduċu mit-Taljan għal-Latin. Imma min qatt qata' l-linja

> fejn jispiċċa l-Latin u jibda t-Taljan? Xi ħadd, min jaf min hu, kitbilkom saħansitra grammatika. Imma din hija daħqa fil-wiċċ. (...) Iż-żgħażagħ li moħħhom biex jilħqu jitgħallmu din il-grammatika bl-amment.[8]

Il-Latin żgur li ma kienx parti mill-ħajja tat-tfal tal-bdiewa, jew għal dawk li jgħixu fil-muntanji ta' madwar il-Muġello. Għalihom l-għalliema ta' din il-lingwa kienu 'solenni donnhom qassisin. Għassiesa tal-musbieħ mitfi'.[9] L-awturi jikkontestaw ukoll il-fatt li biex issir għalliem tal-Primarja, fl-Italja ta' dawk iż-żminijiet, bilfors kellek tgħaddi mill-eżami tal-Latin. Għalhekk, wieħed mill-awturi li jibda jiffrekwenta l-*istituto magistrale*, jiġifieri dik l-iskola li twassal għal kwalifika ta' għalliem tal-Primarji, jingħata dan il-'parir':

> Imma għedtli dal-kliem preċiż: "Ħalli ngħidlek, int ma tafx Latin. Għax ma tmurx skola teknika?"
> Intom ċerti li biex tkun għalliem tajjeb bilfors trid tkun taf il-Latin? Forsi lanqas biss ħsibtu fuqha din il-ħaġa. Il-kelma 'għalliem' lanqas biss tiġikom f'moħħkom.[10]

B'hekk, li titgħallem il-Latin, skont l-awturi tal-Ittra, m'għandu ebda skop minħabba l-fatt li din il-lingwa tintuża prinċipalment biex tqaċċat 'il barra lil dawk kollha li m'għandhomx il-mezzi biex jitgħallmuha tajjeb. Dan huwa eżempju ta' kif it-tagħlim ta' lingwa jsir strument ta' preġudizzju, saħansitra ta' diżumanizzazzjoni u ta' diżindividwalizzazzjoni:

> Li kieku kien jinteressakom biżżejjed minni kontu taslu biex tistaqsu lilkom infuskom dwar jien, minn fejn kont ġej, min kont, fejn kont sejjer, u l-Latin kien jisfuma fix-xejn quddiem għajnejkom.[11]

---

8. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.142.
9. ibid. p.76.
10. ibid. p.137.
11. ibid. p.137.

Fl-Ittra hemm ukoll riferiment għall-fatt illi l-għalliema kienu jagħtu kas biss ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kultura għolja u ma jagħtu kas b'ebda mod lil dawk il-ħwejjeġ li jagħmlu parti mill-ħajja ta' kuljum tal-klassijiet il-baxxi. B'hekk it-tfal tal-bdiewa, fosthom l-awturi tal-Ittra, isibu ruħhom f'ambjent skolastiku li ma jikkorrispondix għall-isfond personali tagħhom. L-affarijiet li huma mdorrijin jużaw, il-kultura tal-fqir, kif ukoll it-terminoloġija tax-xogħol fl-għelieqi u tal-biedja, m'hemmx posthom l-iskola. Dan jixhdu l-fatt li meta fl-iskejjel isir riferiment għal dawn l-affarijiet, isir b'mod żbaljat jew impreċiż:

> Jekk tqallbu ktieb tal-iskola ssibuh mimli xtieli, annimali, staġuni. Tibda taħseb li hadd ħlief bidwi ma seta' kitbu. Iżda l-awturi harġu mill-iskola tagħkom. Biżżejjed thares lejn l-istampi: bdiewa xellugin, pali tondi, imgħażaq forma ta' ganċ tal-bizzilla, haddieda b'għodod ta' żmien ir-Rumani, ċirasa bil-weraq tal-għajnbaqar.[12]

Dan huwa hjiel li l-lingwa u l-kultura li jiġu ppreżentati fl-iskejjel mhumiex ibbażati fuq esperjenzi ddiversifikati. Kif jgħidu l-awturi, anki meta l-għalliema jitkellmu dwar id-dinja tal-bdiewa ma jafux jammettu li għandhom il-limiti f'dan il-qasam u ma jsaqsux lit-tfal fil-klassi li ġejjin minn dawn il-familji biex jgħidu tagħhom fil-lezzjoni. Dawn, min-naħa tagħhom, huma 'misthija'[13] u għalhekk jibqgħu halqhom magħluq u lanqas ilissnu kelma meta ġol-klassi jissemmew ħwejjeġ li jafuhom jew tintuża terminoloġija li jisimgħu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

## Il-pedagoġija tal-lingwi

Fl-Ittra, però, ma nsibux biss kritika lejn il-mod kif kienu jiġu mgħallma l-lingwi. Ma jonqsux ukoll xi suġġerimenti prattiċi dwar kif jistgħu jiġu mgħallma fl-iskejjel, spiss b'riferiment għal kif l-istudenti jistgħu jiġu megħjuna biex jiżviluppaw il-mod kif jiktbu:

12. ibid. p.140.
13. ibid. p.61.

> F'Barbiana kont tgħallimt li r-regoli tal-kitba huma: Ikollok xi ħaġa importanti x'tgħid u li tkun ta' fejda għal kulħadd jew għal ħafna. Tkun taf lil min qed tikteb. Iġbor dak kollu li hu utli. Issib fil loġiku biex torganizza kollox fuqu. Taqta' barra kull kelma żejda. Taqta' barra kull kelma li mhux soltu nużawha fit-taħdit. Ma tillimitax ruħek bil-ħin.[14]

Illum, fil-pedagoġija tal-lingwi, il-kitba bħala proċess (*process writing*),[15] għandha rwol ferm importanti. Huwa tabilħaqq interessanti li tosserva li wħud mis-suġġerimenti dwar il-kitba li nsibuhom fl-Ittra jaqblu ferm ma' proċess metodoloġiku li beda jitħaddan fl-iskejjel ħafna snin wara li ġie ppubblikat ix-xogħol ta' Don Milani u tal-istudenti tiegħu.[16] Dwar dak li kien isir f'Barbiana waqt il-lezzjonijiet tal-lingwi l-awturi jgħidu:

> Fit-tliet snin tal-iskola medja, aħna għamilna żewġ lingwi minflok waħda: Franċiż u Ingliż. Tgħallimna biżżejjed kliem biex inkunu nistgħu naqbdu diskussjoni. Ma konniex nagħmlu plejtu fuq xi żball tal-grammatika. Kważi kważi, il-grammatika konna nittrattawha biss waqt li qed niktbu. (...) Aktar 'il quddiem min jixtieq jista' jistudjaha.[17]

L-idea li toħroġ mill-Ittra hija li titgħallem il-lingwi barranin bl-istess mod li titgħallem l-ewwel lingwa. Dan it-tip ta' ħsieb kemm-il darba ġie diskuss fl-istudji dwar kif titgħallem il-lingwi barranin.[18] Illum ħafna studjużi jaqblu li filwaqt li meta nitgħallmu l-lingwi barranin hemm xi proċessi li huma simili għal dawk li nużaw meta nitgħallmu l-ewwel lingwa, proċessi oħrajn huma kemxejn differenti, anki għax ta' spiss

---

14. ibid. p.69.

15. Bishop, W. 2004. *On writing: a process reader*. NY. McGraw-Hill; Lannon, J. 2009 (10th edition). *The Writing Process: A Concise Rhetoric. Reader and Handbook*. London. Longman.

16. Ara, pereżempju, iktar suġġerimenti konkreti dwar il-kitba bħala proċess: Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.148-149.

17. ibid. p.71.

nitgħallmu t-tieni jew it-tielet lingwa iktar 'il quddiem f'ħajjitna, jiġifieri f'fażi meta l-iżvilupp psiko-fiżiku tagħna jkun ferm differenti minn dak li nkunu għaddejjin minnu meta nkunu żgħar u qed nitgħallmu l-ewwel lingwa tagħna. Jibqa' l-fatt illi l-ħsibijiet li nsibu fl-Ittra dwar l-importanza li titgħallem lingwa barranija billi tehmiżha f'kuntest komunikattiv u kulturali għadhom validi sal-lum.

Don Milani, kif ukoll l-awturi tal-Ittra, kienu kważi profetiċi f'ċerti osservazzjonijiet tagħhom, għax m'għaddiex wisq żmien wara li ġiet ippubblikata l-Ittra li fil-pedagoġija tal-lingwi bdiet titnaqqas l-enfasi fuq il-kompetenza grammatikali u bdiet tingħata aktar importanza lill-aspetti komunikattivi u funzjonali tal-lingwi. Mas-Sebgħinijiet bdejna naraw xift b'saħħtu mill-idea tat-tagħlim tal-lingwi kemm biex titgħallem l-istruttura formali tagħhom (*savoir*), għall-idea li lingwa trid tkun taf ukoll kif tużaha u li trid ukoll titgħallem tagħraf f'liema ċirkustanzi jintuża stil għoli jew baxx, jew inkella reġistru formali jew informali (*savoir-faire*, *savoir-être* u *savoir apprendre*).[19] Dan l-approċċ huwa wkoll fundamentali jekk aħna nqisu l-lingwi bħala ħajjin u fi stat ta' evoluzzjoni kontinwa:

> Jien il-lingwi tgħallimthom permezz tad-diski. Mingħajr lanqas biss naf immexxieli l-ewwel nitgħallem l-aktar ħwejjeġ ta' bżonn għall-ħajja ta' kuljum. Eżattament bl-istess mod li wieħed jitgħallem il-lingwa ta' art twelidu. Dak is-sajf kont qiegħed Grenoble naħsel il-platti ġo restorant (...). Ġejt lura deċiż li nitgħallem kemm nifla ħ lingwi. Ħafna lingwi b'mod ħażin iktar milli lingwa waħda b'mod tajjeb.[20]

---

18. Fost il-ħafna kotba li ttrattaw dan is-suġġett ta' min isemmi dawn iż-żewġ volumi li jagħtu ħarsa estensiva lejn dan il qasam: Ellis, R. 1997, *SLA research and language teaching*, Oxford, Oxford University Press; Cook, V. 2001, *Second language learning and language teaching*, London, Arnold.

19. Dawn id-denominazzjonijiet, li permezz tagħhom nifhmu aħjar, fost affarijiet oħra, l-għanijiet ta' min qed jitgħallem lingwa barranija, huma inklużi fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa: Council of Europe, 2001, *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, Teaching, Assessment*, Cambridge, CUP. 101-108. www.coe.int/T/DG4/Linguistic/Source/Framework_EN.pdf.

20. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. 70-71.

Din hija silta li għandha sservina sabiex naħsbu dwar is-sitwazzjoni tat-tagħlim tal-lingwi f'pajjiżna bħalissa. Sa ftit snin ilu kienet kważi normali li f'ħafna skejjel l-istudenti Maltin, minbarra l-Malti u l-Ingliż, kienu jitgħallmu żewġ lingwi oħra. Minħabba l-influwenza qawwija li kellu t-televixin Taljan bosta tfal kienu jifhmu u saħansitra jitkellmu b'din il-lingwa.[21] Illum is-sitwazzjoni m'għadhiex li kienet u f'ċerti skejjel m'għadhiex tingħata l-istess importanza lil-lingwi, daqskemm kienet tingħata fil-passat. F'xi wħud minn dawn l-istituzzjonijiet jidher li qed tidħol ukoll il-mentalità li għax nafu l-Ingliż tajjeb, speċjalment meta nqabblu ruħna ma' pajjiżi oħra ġirien tagħna, allura dan huwa biżżejjed u m'hemmx għalfejn nitgħallmu lingwi barranin oħrajn. Tkun ħasra jekk nitilfu l-patrimonju lingwistiku tagħna, jekk ninsew li l-pożizzjoni ġeografika ta' pajjiżna tista' tiġi sfruttata ferm aħjar jekk inkunu miftuħin għall-kulturi u għal-lingwi barranin. Tkun ħasra jekk minn sitwazzjoni ta' multilingwiżmu ngħaddu għal sitwazzjoni fejn l-għarfien tal-lingwi jibda jitnaqqar. L-iskejjel, kif ukoll istituzzjonijiet oħrajn edukattivi u l-mezzi ta' komunikazzjoni, żgur għandhom responsabbiltà kbira f'dan ir-rigward.

## Is-sintassi u l-lessiku tal-Ittra

Il-kunsiderazzjonijiet lingwistiċi dwar l-Ittra mhumiex limitati biss għall-osservazzjonijiet li jagħmlu l-awturi dwar it-tagħlim tal-lingwi jew dwar kif il-lingwi jistgħu jiġu manipulati ħalli jservu bħala mezz ta' diskriminazzjoni. Minbarra dawn l-aspetti, huwa neċessarju wkoll li jiġu eżaminati l-istil li jintuża biex tinkiteb l-Ittra u l-varjetà lingwistika ta' Taljan li jużaw l-awturi. Fil-fatt, Don Milani flimkien mal-istudenti tiegħu, marru kontra l-kurrent anki f'dan il qasam: fl-Ittra ma jintużax id-djalett (għalkemm ġieli nsibu wkoll xi kliem u espressjonijiet mit-Taljan reġjonali taz-zona tal-Muġello fit-Toscana) iżda jintuża stil li

21. Għall-aktar informazzjoni ara: Caruana, S. 2009. *'The Italian Job': the impact of input from television on language learning.* f'Borg, J. / Lauri, M. / Hillman, A. *Exploring the Maltese Media Landscape*. Valletta, Allied Newspapers Ltd. 173-185.

iktar jixbah it-Taljan mitkellem, kollokjali u informali milli t-Taljan li s-soltu jintuża fil-kitba. Fl-Ittra hemm għażla ċara biex tintuża varjetà lingwistika li l-biċċa l-kbira tal-poplu setgħet tifhem. B'hekk l-awturi jevitaw forma ta' lingwa riċerkata jew akkademika għax l-istil huwa 'l bogħod minn dik tal-lingwa letterarja, li b'mod provokattiv tiġi meqjusa bħala "it-tieni lingwa mejta"[22] mill-awturi.

Il-lingwa tal-Ittra nistgħu nxebbhuha mal-varjetà kollokjali minn ħafna aspetti. L-ewwel nett insibu ħafna ironija, kif ukoll metafori li spiss fihom konnotazzjonijiet negattivi. Dan joħroġ b'mod ċar, fost ħafna siltiet oħra tal-Ittra, fil-paragrafu fejn l-awturi jniżżlu l-kummenti tal-għalliema dwar il-komponimenti ta' xi tfal li kienu jattendu l-iskola ta' Barbiana. Filwaqt li fil-każ ta' dawn it-tfal il-kummenti huma kollha negattivi (pereżempju: "*Juri nuqqas ta' maturità (...) Il-ħsibijiet mhumiex profondi biżżejjed. Ideat neqsin mill-kreattività*"),[23] fil-każ tal-kummenti fuq ix-xogħol ta' Pierino l-awturi jgħidu hekk:

> Sakemm fl-aħħar ikun imiss lil dik il-ħlejqa mbierka mill-allat: Spontanju. M'intix nieqes mill-ideat. Xogħol mibni b'ideat li huma tiegħek u li jixhdu ċerta personalità." U issa la wasaltu s'hawn tistgħu żżidu wkoll: "Imbierka dik l-omm li wellditek.[24]

Ta' min jinnota kif Pierino, li jirrappreżenta t-tfal kollha li ġejjin mill-klassi tas-sinjuri, jiġi definit b'mod ironiku għall-aħħar bħala: *'Il-ħlejqa mbierka mill-allat'*. L-awturi, imbagħad, ikomplu jżidu l-provokazzjoni permezz tal-frażi tal-aħħar: *U issa la wasaltu s'hawn tistgħu żżidu wkoll: "Imbierka dik l-omm li wellditek."* Dan huwa eżempju wieħed biss mill-ħafna kummenti ironiċi u provokattivi li nsibu fl-Ittra. Permezz tagħhom l-awturi jittrażmettu sens ta'

---

22. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p. 151. L-awturi tal-Ittra jsostnu li tant hemm differenza bejn il-lingwa letterarja u l-lingwa li tintuża ta' kuljum li anki din, bħal-Latin, hija 'lingwa mejta'.

23. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.147.

24. ibid. p.147.

spontanjetà li ħafna drabi niltaqgħu miegħu fil-varjetà mitkellma. Dan jiġri wkoll meta l-awturi jesprimu rabja u frustrazzjoni, bħal f'dan il-każ b'riferiment għall-kliem li l-għalliema tgħid lil Gianni, li fl-Ittra jirrappreżenta dawk l-istudenti li l-iskola jsibuha diffiċli:

> Imma fl-eżami waħda mill-għalliema qaltlu: "Għalfejn trid tmur skola privata? M'intix tara li m'għandekx il-ħila tesprimi ruħek?"[25]

U f'nota jżidu, b'riferiment għall-parti finali li ħallew bla kliem:

> Hawnhekk xtaqna nniżżlu l-kelma li ġietna f'moħħna dakinhar. Imma l-editur ma riedx jistampahielna.[26]

Il-varjetà lingwistika li spiss tirrifletti anki l-emozzjonijiet tal-awturi, tiġi wkoll riflessa fis-sintassi tal-Ittra, jiġifieri fil-mod li jintuża biex jinbnew is-sentenzi. Din is-silta mill-Ittra, li nikkwota bit-Taljan u bil-Malti, hija eżempju ta' kif is-sintassi tixbah iktar dik tal-lingwa mitkellma milli dik li s-soltu nsibu fil-kitba formali:

> Un professorone disse: "Lei reverendo non ha studiato pedagogia. Polianski dice che lo sport è per il ragazzo una necessità fisiopsico..." Parlava senza guardarci. Chi insegna pedagogia all'Università, i ragazzi non ha bisogno di guardarli. (...) Finalmente andò via e Lucio, che aveva 36 mucche nella stalla, disse: "La scuola sarà sempre meglio della merda." Questa frase va scolpita sulla porta delle vostre scuole. Milioni di ragazzi contadini sono pronti a sottoscriverla. Che i ragazzi odiano la scuola e amano il gioco lo dite voi.[27]

> Professur bil-fjokki kien qal: "Reverendu, int ma studjajtx pedagoġija. Polianski jgħid li għat-tifel l-isport huwa bżonn

---

25. ibid. p.68.
26. ibid. p.68.
27. Scuola di Barbiana (2007), *Lettera a una Professoressa, quarant'anni dopo*, Firenze, Libreria editrice fiorentina, p.13.

> fiżjopsiku..." Tkellem mingħajr lanqas biss ma ħares lejna. Min jgħallem il-pedagoġija fl-Università m'għandux għalxiex iħares lejn it-tfal. (...) Fl-aħħar telaq 'l hemm u Lucio, li kellu 36 baqra fl-istalla, qal: "L-iskola dejjem aħjar mid-demel". Dil-frażi misskom tnaqqxuha fuq il-bibien tal-iskejjel tagħkom. Miljuni ta' tfal bdiewa huma lesti li jaqblu magħha. Li t-tfal jobogħdu l-iskola u jħobbu l-logħob intom qed tgħiduh.[28]

Il-punt fokali f'din is-silta huma t-tfal tal-iskola. Din narawha għax huma l-oġġett tal-indifferenza tal-professur tal-pedagoġija (li fil-verżjoni oriġinali huwa msejjaħ *professorone*, naturalment b'mod ironiku), għax huma rrappreżentati permezz ta' bidwi fqir (*Lucio*) u fl-aħħar isiru protagonisti attivi ("*miljuni ta' tfal*") li jixtiequ jingħaqdu b'vuċi waħda ħalli jesprimu fil-beraħ dak li jixtiequ jgħidu dwar l-iskola. L-importanza tar-rwol ta' dawn it-tfal f'din is-silta tidher ukoll permezz tal-mod kif żewġ sentenzi, fil-verżjoni oriġinali Taljana, huma mfassla: Fl-ewwel waħda, *I ragazzi non ha bisogno di guardarli* [letteralment: 'It-tfal m'għandux għalfejn iħares lejhom'], nistgħu nosservaw dik li tissejjaħ ordni sintattika mmarkata, li ma ssegwix l-ordni 'normali' tat-Taljan standard (li spiss insibuha fil-kitba) fejn is-suġġett grammatikali jiġi qabel il-verb, li jiġi qabel l-oġġett dirett jew indirett.[29] Dan jiġri hekk kif '*i ragazzi*' (oġġett dirett) jitqiegħed fil-bidu tas-sentenza u jerġa' jiġi mtenni permezz tal-pronom dirett fil-plural '*li*' meħmuż mal-verb '*guardare*', biex jifforma '*guardarli*'. Ta' min jinnota li s-suġġett grammatikali ('*un professorone*') ma jiġix użat b'mod espliċitu, għax il-lingwa Taljana tippermetti (bħal fil-Malti) li tuża l-verb mingħajru.

Din l-ordni sintattika mmarkata nerġgħu nsibuha ftit iktar 'l isfel fis-sentenza: *Che i ragazzi odiano la scuola e amano il gioco lo dite voi.* Hawnhekk nerġgħu ninnutaw kif l-awturi jaqilbu l-ordni 'normali' tas-sentenza billi fil-bidu tagħha jużaw kumplement subordinat ('*che i*

---

28. Borg, C. u Cardona, M. (2008), op. cit. p.64.

29. Il-verżjoni mhux sintattikament immarkata ta' din is-sentenza hija: *Il professorone non ha bisogno di guardare i ragazzi.*

*ragazzi odiano la scuola*') li fl-ordni sintattiku tat-Taljan standard normalment jitqiegħed wara l-kumplement prinċipali ('*voi dite*').[30] B'hekk naraw kif anki f'dan il-każ, it-tfal tal-iskola ('*i ragazzi*') jissemmew fil-bidu nett tas-sentenza u dan jintrabat direttament, f'katina anaforika, mas-sentenza ta' qabel (*I ragazzi non ha bisogno di guardarli*).

Din l-ordni sintattika, li forsi tidher kemxejn ikkumplikata meta tiġi analizzata, fil-fatt tixbah ħafna l-istruttura tal-lingwa mitkellma, fejn spiss b'mod inkonxju ma nagħtux kas l-ordni grammatikali tal-kliem li nesprimu iżda nagħtu iktar prominenza għal dak li nqisu bħala ċentrali fid-diskors tagħna. B'hekk tinħoloq id-differenza bejn il-varjetà miktuba u dik tat-taħdit.

Eżempju ieħor ta' kif il-varjetà lingwistika tal-Ittra toqrob lejn il-varjetà mitkellma huwa dak li jissejjaħ ir-*ridondanza* tal-pronomi personali. F'dawn iż-żewġ sentenzi hemm użu doppju tal-pronomi bit-Taljan, fl-ewwel waħda jintużaw *a me* u *m'* (*mi*) u fit-tieni waħda *a voi* u *vi*:

(1) A me invece m'hanno insegnato [Lili ... għallmuni][31]
(2) A voi vi fa paura [Lilkom ibeżża'][32]

Il-grammatika preskrittiva tat-Taljan turi kif dawn il-forom jistgħu jitqiesu bħala mhux grammatikalment korretti, għalkemm dawn jintużaw ta' sikwit fil-mitkellem, speċjalment fil-każ tal-frażi '*a me mi piace*' [Lili jogħġobni]. Ta' min iżid ukoll li nsibu forom simili ħafna bil-Malti, għax nużaw sew 'Għallmuni' kif ukoll 'Lili għallmuni'. Mela x'inhi d-differenza bejn dawn iż-żewġ forom? Għaliex ġieli nużaw waħda u ġieli oħra? Ir-risposta tinsab fl-enfasi li nixtiequ nagħmlu fuq dak li qegħdin ngħidu. Meta żżid '*a me*' jew '*a voi*' fil-bidu ta' sentenzi bħalma huma t-tnejn li nikkwota bħala eżempji mill-

30. Il-verżjoni mhux sintattikament immarkata ta' din is-sentenza hija: *Voi dite che i ragazzi odiano la scuola*.

31. Scuola di Barbiana (2007), op. cit. p.110.

32. Scuola di Barbiana (2007), op. cit. p.112.

Ittra. l-enfasi awtomatikament taqa' fuq din il-parti tad-diskors, u huwa proprju permezz ta' din l-enfasi, permezz tal-kontrappożizzjoni bejn *a me – mi* u *a voi – vi* li l-awturi jagħtu iktar saħħa lil dak il-kunċett li jixtiequ jesprimu.

Il-lessiku li jintuża fl-Ittra huwa wkoll magħżul b'intelliġenza kbira u hemm ħafna kliem li spiss jintuża b'suffissi biex jagħti konnotazzjoni negattiva. Għalhekk, kif diġà rajna qabel, il-professur tal-pedagoġija huwa msejjaħ ironikament bħala *professorone*; it-traduzzjonijiet ta' Omeru jgħidu li harġu '*dalla testolina del Monti*',[33] fejn '*testolina*' f'dan il-każ tintuża b'mod dispreġjattiv ħafna. L-istess jiġri meta t-tfal tas-sinjuri jirreferu għalihom bħala *signorini*, *figlioli*, *studentelli*. Kemm-il darba, spiss b'riferiment għal Pierino, tintuża l-kelma *creatura*, anki f'dan il-każ biex juru disprezz lejn it-tfal li minn twelidhom huma protetti, ta' sikwit b'mod esaġerat, mill-familji tagħhom. It-tfal li jbatu l-iskola huma *respinti* (imwarrba) għax l-iskola ma twaħħalhomx biss, imma ġġegħelhom iħossuhom differenti minn ħaddieħor u twarrabhom, ħalli ma jkunux ta' xkiel għal min għandu predispożizzjoni għat-tagħlim. L-iskola hija msejħa bħala *infezione* li minnha 'jerdgħu' dawk li jiggradwaw (bit-Taljan jintuża l-verb '*poppare*', li jirreferi għat-trabi li jerdgħu l-ħalib minn sider ommhom) sakemm għandhom ħamsa u għoxrin sena ħalli jidħlu f'dik li tissejjaħ *casta* ('razza għalikom') jew *razza pregiata*. Mhux ta' xejn waħda mill-aħħar siltiet tal-Ittra hija intitolata *disinfezione*, għax fiha l-awturi jesprimu l-ħtieġa li jersqu 'l bogħod minn sistema li l-għalliema jimponu u li qatt ma ħassew li tagħmel parti mir-realtà tagħhom.

## Konklużjoni

L-awturi tal-Ittra jridu jipprovokaw, u xi drabi saħansitra jixxukkjaw, permezz tal-mod ta' kif jesprimu ruħhom. B'dan il-mod ixandru l-messaġġ tagħhom billi jużaw lingwa li mhijiex konvenzjonali

---

33. Scuola di Barbiana (2007), op. cit. p.28.

u li mhux bilfors tirrifletti, fl-istil u fil-kontenut, dik li s-soltu hija kkunsidrata bħala l-aktar forma addattata għall-kitba. L-istil tal-Ittra, kif ukoll il-varjetà lingwistika tagħha, mhumiex magħżula biss halli anki min m'għandux skola jifhem il-messaġġ tal-Ittra. Permezz tal-mod ta' kif jiktbu, l-awturi jagħtu sinjal ċar tad-distakk li hemm bejn stil ta' lingwa skolastika u stil ta' komunikazzjoni spontanja li tivvalorizza l-bniedem għal dak li hu, iktar milli minħabba dak li jaf. L-awturi tal-Ittra jużaw il-provokazzjoni għax permezz ta' xogħolhom xtaqu jqajmu kuxjenza dwar is-sitwazzjoni soċjali li kienet teżisti l-Italja fis-Sittinijiet. Dawn il-provokazzjonijiet laħqu l-għan tagħhom jekk dak illi nkiteb f'Barbiana iktar minn erbgħin sena ilu għadu jiġi diskuss sal-lum, jekk wara tant snin ġieli jqajjem xi polemika u jekk il-figura stess ta' Don Milani għadha attwali fl-Italja u fid-dinja kollha. Hemm min iqis lil Lorenzo Milani bħala profeta jew kważi qaddis, hemm min jgħid li kien biss 'mascalzone'.[34] Żgur, però, illi l-Ittra għandha impatt qawwi fuq min jaqraha u diffiċilment tiġi milqugħa b'indifferenza.

Fl-aħħar parti tal-Ittra, l-awturi stiednu l-qarrejja biex jirrisponduhom sabiex jgħidulhom x'jaħsbu b'mod dirett. Waħda mir-risposti, li fl-14 ta' Jannar tal-1968 bagħtet għalliema ta' skola f'Sora, fiċ-ċentru tal-Italja, turi li l-Ittra laħqet l-iskop tagħha. Hija wkoll risposta li għadha tgħodd sal-lum u li kull għalliem, kull edukatur u kull min huwa involut fil-qasam tal-edukazzjoni għandu d-dmir li jirrifletti dwarha:

> Sono una professoressa. Ho letto il vostro libro, in un certo senso anche a me indirizzato. (...)
> Mi sono riconosciuta in alcune vostre pagine, sono stata smascherata in alcuni miei atteggiamenti, rivelata in alcune parole.
> (...)

---

34. Qed nirreferi għall-artiklu li kiteb Sebastiano Vassalli, fil-gazzetta *La Repubblica*, fit-30 ta' Ġunju 1992. Dan l-artiklu, intitolat *Don Milani, che mascalzone*, qajjem ħafna polemika. L-artiklu u xi reazzjonijiet għal dak li kiteb Vassalli, huma ppublikati ġo Scuola di Barbiana (2007), op. cit. p. lxx-xcix.

> Devo a voi se da qualche giorno, nelle mie classi, guardo ai più deboli, ai più incapaci, con animo nuovo e con una sorta, non mi vergogno di dirlo, di stupita tenerezza.[35]

> Jiena għalliema. Qrajt il-ktieb tagħkom, li f'ċertu sens huwa indirizzat lili wkoll. (...)
> Għaraft lili nnifsi f'xi paġni li ktibtu, kxiftuni f'xi whud mill-modi li nġib ruħi u ta' kif nuża kliemi.
> (...)

Huwa minħabba fikom jekk minn xi ġranet 'l hawn, fil-klassijiet tiegħi, inħares lejn dawk li huma iktar debboli, dawk li huma inqas kapaċi, bi spirtu ġdid u b'xorta, ma nistħix ngħid, ta' ħlewwa li tgħaġġeb. *[Traduzzjoni tal-awtur].*

35. Scuola di Barbiana (2007), op. cit. p. lxv.